MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Avviz Numru. 54/2003

**Avviz numru 54/2003DM**

**Awtorita Marittima ta' Malta**

**Vs**

**Benno Degenhardt**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-awtorita attrici talbet l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf seba mija u hmistax-il Lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm1715.63) dovut lill-Awtorita attrici bhala fees ghal servizz ta' berthing provdut lilhu fuq ordni tieghu stess fil-Yacht Marina, Msida ghall-boat bl-isem 'See Moewe", hekk kif jidher mill-invoices anness mal-avviz, datata 10 ta' Jannar, 2003 u esibita bhala Dok "A".

Bl-Awtorita attrici tannetti wkoll kopja ta' ittra ufficjali mibghuta lilhu, datata 24 t'April, 2003 u esibita bhala Dok "B".

Bl-ispejjez kif ukoll l-imghax legali sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma anke wara l-Qorti rat id-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' elf seba  mija u hmistax-il Lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm1715.63) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mit-22 ta' Jannar tas-sena 2003;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------